# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1677/2021 (AD)**

**DR CARLOS BUGEJA (KI 391687M)**

**BĦALA MANDATARJU TA'**

**MADALENA BARBARA**

**(PASSAPORT AWSTRALJAN NRU N7043421)**

**VS**

**ANGELO SIVE ANGLU SCHEMBRI (KI 340861M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors tal-Avukat Dr Carlos Bugeja fil-ħdax (11) ta' Novembru 2021, u risposta tal-intimat Angelo sive Anglu Schembri ippreżentata fit-tmintax (18) ta' Novembru 2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fil-ħdax (11) ta' Novembru 2021, Dr Carlos Bugeja, fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju ta' Madalena Barbara, sabiex jikkawtela d-drittijiet tal-istess Madalena Barbara, talab lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu jew bi kwalunkwe mod jgħaddi t-tgawdija temporanja jew xort'oħra jimponi xi piż jew obbligazzjoni reali jew personali fuq, jewbi kwalunkwe mod jgħaddi t-tgawdija temporanja jew xort'oħra jinnegozja b'mod partikolari l-fond fl-indirizz 28, 'Salvpin', Triq John Borg, Żejtun, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u bl-arja liberu tiegħu;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar il-ħdax (11) ta' Novembru 2021 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' risposta preżentata fit-tmintax (18) ta' Novembru 2021, l-intimat oppona għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi ma jirriżultax jedd *prima facie* illi a bażi tiegħu tista' tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti noe;

5. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021;

**Fatti tal-Każ**

6. Madalena Barbara u Angelo sive Anglu Schembri huma aħwa, ulied il-mejjet Salvatore sive Salvu Schembri u Filippa nee Grima. Filwaqt illi Madalena Barbara tirrisjedi l-Awstralja, Angelo Schembri, cioe l-intimat, jirrisjedi f'Malta;

7. Jirriżulta mid-dokumenti preżentati mir-rikorrenti noe illi permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2015 pubblikat fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool (I/21931/2015), l-intimat akkwista

mingħand il-ġenituri tiegħu l-proprjeta' bin-numru 28, 'Salvpin', Triq John Borg, Żejtun, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, u bl-arja libera tagħha;

8. Eventwalment, Madalena Barbara ddeċidiet illi tikkontesta d-donazzjoni permezz ta' kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla), liema kawża ġiet intavolata fl-ismijiet ***Dr Carlos Bugeja noe vs Angelo sive Anglu Schembri et*** (244/20 MH). Dan stante illi Barbara qed tallega illli t-trasferiment sar wara illi Filippa Schembri, cioe ommha u omm l-intimat, ġiet ċertifikata illi qed tbati mid-*dementia* f'Lulju ta' qabel id-donazzjoni, u, bħala werrieta preżunta prospettiva, Barbara ħasset illi għandha interess illi ommha ma tiġix svestita mill-assi tagħha bi trasferiment li sar wara li ġiet dikjarata mentalment inkapaċi. Ir-rikorrent noe jisħaq fir-rikors odjern illi parti mill-provi fil-kawża suċitata sejrin juru li l-intimat kien jaf bil-kundizzjoni t'ommu qabel ma sar it-trasferiment permezz tad-donazzjoni, u li tali donazzjoni saret sabiex teżawrixxi kull jedd li jista' jkollha Barbara għall-wirt t'ommha;

**It-Talba ta' Dr Carlos Bugeja qua mandatarju ta' Madalena Barbara**

9. Permezz ta' rikors preżentat nhar il-ħdax (11) ta' Novembru 2021, ir-rikorrent noe ppremetta illi kwalunkwe trasferiment ulterjuri tal-proprjeta' illi ngħatat b'donazzjoni jista' jkun ta' preġudizzju akbar għal Barbara, hekk kif hemm lok illi d-drittijiet tagħha jiġu serjament u severament preġudikati kemm-il darba l-mandat odjern ma jintlaqax;

10. Għaldaqstant, ir-rikorrent noe, bil-mandat odjern, qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu jew bi kwalunkwe mod jgħaddi t-tgawdija temporanja jew xort'oħra jimponi xi piż jew obbligazzjoni reali jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod jgħaddi t-tgawdija temporanja jew xort'oħra jinnegozja, l-proprjeta' bin-numru 28, 'Salvpin', Triq John Borg, Żejtun, Malta;

**Ir-Risposta tal-Intimat Angelo sive Anglu Schembri**

11. Min-naħa l-oħra, b'risposta preżentata nhar it-tmintax (18) ta' Novembru 2021, l-intimat oppona għat-talba mressqa, u dan għas-segwenti raġunijiet:

   a. Barbara qiegħda tippretendi li għandha l-jedd li timpunja kuntratt ta' donazzjoni illi hi ma kinitx parti fih abbażi ta' allegat vizzju fil-kunsens ta' wieħed minn dawk il-partijiet, jedd illi hi m'għandhiex lanqas fuq bażi *prima facie*, stante illi huma biss il-partijiet f'kuntratt (u, strettament il-parti li tagħha l-kunsens ikun vizzjat) li jkollhom dan il-jedd. Għaldaqstant, il-pretensjoni tar-rikorrenti hija waħda illi hi m'għandhiex jedd tagħmel, u għalhekk it-talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat hija insostenibbli;

   b. Il-fatt li r-rikorrenti hija *"werrieta preżuntiva"* lanqas ivestiha bil-jedd li tressaq din il-pretensjoni, ai termini tal-Artikolu 1225 tal-Kodiċi Ċivili;

   c. Sa fejn it-talba tfittex li żżomm lill-intimat milli jgħaddi t-tgawdija tal-fond lil terzi, din m'għandhiex tiġi akkolta billi, (i) fl-ewwel lok, it-tgawdija tal-fond hija vestita f'omm il-kontendenti, billi fuq l-att ta' donazzjoni ġie kkostitwit jedd ta' użufrutt favur tagħha u favur tal-mibki żewġha, missier il-kontendenti; u (ii) fit-tieni lok, *datum sed non concessum* li r-rikorrenti għandha jedd li titlob rexissjoni ta' kuntratt li ma kinitx parti fih, biex dak il-jedd ikun kawtelat, biżżejjed li l-proprjeta' trasferita f'dak il-kuntratt ma tiġix ulterjorment aljenata, u għalhekk id-divjet li dak il-post jiġi trasferit huwa biżżejjed u suffiċjenti;

   d. Il-mod kif it-talba fir-rikors promotur hija redatta toħloq dubju jekk id-divjet imfittex hux limitat għall-fond imsemmi, inkella japplikax b'mod ġeneriku u in partikolari għal dak il-fond, u għalhekk f'każ illi l-Qorti jidhrilha li għandha toħroġ dan il-mandat, id-digriet relattiv għandu jillimita l-effett tal-mandat għall-fond in kwestjoni biss, u xejn aktar;

e. Finalment, l-intimat talab illi huwa m'għandux ibati spejjeż, u li, fl-agħar ipoteżi, l-ispejjeż għandhom almenu jkunu riservati għall-ġudizzju finali.

**Il-Qorti**

12. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

13. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

15. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

16. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

17. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

18. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni*

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

19. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

20. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

21. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

22. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

23. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

24. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

25. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

---

[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

**A. <u>L-Ewwel Rekwiżit: Għandu jirriżulta illi Madalena Barbara għandha jedd *prima facie*</u>**

26. Il-Qorti tinnota illi r-rikorrenti noe, waqt it-trattazzjoni tiegħu tal-mandat odjern, aċċenna għall-fatt illi l-ħruġ tal-mandat odjern huwa neċessarju sabiex jiġu kawtelati d-drittijiet tar-rikorrenti Barbara sakemm tingħata deċiżjoni fil-kawża dwar il-mertu rigward il-validita' o meno tal-kunsens t'omm il-partijiet għad-donazzjoni illi permezz tagħha l-intimat akkwista l-proprjeta' fiż-Żejtun;

27. Madanakollu, il-Qorti tinnota illi r-rikorrenti noe ma jindika imkien x'inhu preċiżament il-jedd *prima facie* illi r-rikorrenti proprio qed tavvanta;

28. Minn eżami tal-atti u dokumenti preżentati, u s-sottomissjonijiet magħmula quddiemha, il-Qorti qed jirnexxilha tirriskontra żewġ possibiltajiet: (a) il-jedd *prima facie* qua eredi preżunta prospettiva t'ommha fuq dak illi hija tipprospetta illi jista' potenzjalment ikun sehemha mill-proprjeta' taż-Żejtun; u/jew (b) il-jedd *prima facie* illi tattakka l-validita' tal-kuntratt ta' donazzjoni. Altrimenti, jista' jagħti l-każ ukoll illi r-rikorrenti noe qiegħda tfittex illi jiġu mħarsa l-interessi t'ommha, f'liema każ il-jedd *prima face* illi għandu jissussisti, għandu jappartjeni lill-omm;

29. Fl-ewwel każ, u cioe, jekk il-jedd *prima facie* illi qiegħed javvanta r-rikorrenti noe huwa l-jedd ta' Barbara għal sehem mill-proprjeta' in kwestjoni qua werrieta preżunta prospettiva t'ommha, il-Qorti tinnota illi r-rikorrenti, f'dan l-istadju, m'għandha assolutament l-ebda garanzija illi effettivament hija ser tkun il-werrieta preżunta t'ommha. Huwa legalment inkonċepibbli illi werriet preżunt jitqies illi għandu xi dritt u/jew aspettattiva leġittima patrimonjali relattiva għas-suċċessjoni qabel il-mewt tal-persuna relattiva, u dan stante illi persuna ħajja la għad għandha eredi, u lanqas jista' jingħad b'ċertezza min ser ikun/u l-eredi tagħha wara mewtha. Għaldaqstant, huwa impossibbli illi jirriżulta illi Barbara għandha jedd *prima facie* qua werrieta

preżunta prospettiva, meta, effettivament: (a) l-omm għadha ħajja u għadha ma saret l-ebda apertura ta' suċċessjoni; (b) l-eredita' mhix xi ħaġa illi wieħed jista' jipprospettaha; u (c) fi kwalunkwe każ, il-prospettattivita' ta' suċċessjoni hija ħaġa inċerta, u, ai termini ta' ġurisprudenza kostanti kif suċitata, il-jedd *prima facie* ma jistax ikun mera possibilta', iżda għandu jkun jedd illi jista' faċilment jiġi aċċertat mad-daqqa t'għajn. Dan assolutament mhux il-każ fil-każ odjern;

30. Fit-tieni każ, u cioe, jekk il-jedd *prima facie* illi qiegħed javvanta r-rikorrenti noe huwa d-dritt ta' Barbara illi tattakka l-kuntratt ta' donazzjoni, il-Qorti tistqarr illi hija taqbel mas-sottomissjonijiet magħmula mill-intimat illi, mad-daqqa t'għajn, Barbara ma jidhirx illi hija vestita bid-dritt illi tattakka kuntratt ta' donazzjoni illi hija ma kinitx parti fih. Naturalment, jispetta lir-rikorrenti noe illi, fil-kawża proprja, iressaq il-provi sal-grad rikjest mil-liġi sabiex bihom jasal jikkonvinċi lill-Qorti illi Barbara għandha tali dritt; iżda, għall-fini ta' dan il-proċeduri, fejn il-mansjoni tal-Qorti hija limitata għal dak illi jidher mad-daqqa t'għajn, il-Qorti mhix konvinta illi Barbara għandha xi dritt illi titlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni;

31. Fit-tielet każ, u cioe jekk dak illi qiegħda tfittex Barbara huwa illi tħares l-interessi t'ommha, il-Qorti tinnota illi filwaqt illi, jekk dan huwa verament il-każ, dak illi qiegħda tagħmel Barbara huwa ġest nobbli; iżda, madanakollu, huwa ġest illi ma joffrilha l-ebda sostenn għat-talba tagħha fil-proċeduri odjerni. Mit-trattazzjoni tar-rikorrenti noe stess quddiem din il-Qorti rriżulta illi mhux talli Barbara ma ġietx, b'xi mod, maħtura kuratriċi t'ommha, iżda talli ommha lanqas biss hija interdetta. Lanqas jirriżulta illi Barbara qiegħda taġixxi qua mandatorja t'ommha. Il-jedd *prima facie* għandu jispetta lill-persuna illi qiegħda titlob il-ħruġ tal-mandat odjern, u, jekk inhu l-każ illi r-rikorrent noe qiegħed jitlob il-ħruġ tal-mandat odjern bl-intiż illi ma jiġux preġudikati l-interessi tal-omm, jirriżulta mankanti l-istess jedd, stante illi hija l-bint f'isimha proprju illi qiegħda titlob il-ħruġ tal-mandat odjern u mhux l-omm;

32. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, irrispettivament minn liema mit-tliet possibiltajiet huwa preċiżament il-jedd *prima facie* illi r-rikorrenti noe qiegħed ifittex illi jikkawtela, il-Qorti hija tal-fehma illi **ma jissussistix l-ewwel rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern**.

## B. It-Tieni u t-Tielet Rekwiżiti

33. Hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, ir-rekwiżiti illi jeħtieġ jissussistu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, huma kumulattivi u mhux alternattivi. Għaldaqstant, fin-nuqqas tal-ewwel rekwiżit sabiex tiġi milqugħa t-talba odjerna, il-Qorti għandha obbligu illi tiċħad it-talba kif dedotta, u sejra tastjeni milli tagħmel indaġini dwar jekk jissussistux it-tieni u tielet rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub.

**Decide**

34. Għal dawn il-motivi, fin-nuqqas ta' jedd *prima facie* illi jeħtieġ illi jissussisti sabiex jintlaqa' l-mandat odjern, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tirrevoka** *contrario imperio* id-digriet tagħha tal-ħdax (11) ta' Novembru 2021;

ii. **Tiċħad** it-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimat.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali, hekk kif ġie maqbul bejn il-partijiet waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 quddiem din il-Qorti stess.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn, 29 ta' Novembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**